MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 117/2013

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**.

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici pprezentat fl-14 ta' Gunju 2013 li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

"1. Illi din hija kawza ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg taghha minn ma' zewgha C D;

2. Illi l-attrici zzewget lill-konvenut permezz ta' ceremonja civili, fit-tlettax (13) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010), fil-Hilton Portomaso, San Gijlan;

3. Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett peress li l-kunsens taz-zewg partijiet jew min minnhom fil-mument taz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew stante li kien hemm anomilja psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-attrici u/jew il-konvenut li jwettqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg u dan ai termini ta' l-artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi inoltre u minghajr l-ebda pregudizzju ghal dak li hu fuq premess, il-kunsens tal-konvenut kien ivvizjat stante li inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan ai termini ta' l-artikolu 19(1)(1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

1. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Jghid il-konvenut ghar-ragunijiet premessi ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni neccessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-13 ta' Gunju 2010, huwa null u minghajr effett legali ai termini ta' l-artikolu 19 subartikolu 1 paragrafu (d) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 dwar iz-Zwieg (Kap 255) minhabba ragunijiet imputati liz-zewg partijiet jew lil xi hadd minnhom ;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-13 ta' Gunju 2010, huwa null u minghajr effett legali ai termini ta' l-artikolu 19 subartikolu 1 paragrafu (f) ta' l-Att XXXVII ta' 1-1975 dwar iz-Zwieg (Kap 255) minhabba ragunijiet imputati lill-konvenut ;

3. Konsegwentement tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez.”.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici u n-nota ta' dokument.

Rat li l-konvenut ma pprezentax risposta guramentata, ghalkemm ipprezenta affidavit u ta x-xhieda tieghu viva voce quddiem din il-Qorti.

Ezaminat il-provi mressqa.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**.

Permezz tal-kawza odjerna l-attrici qed jitlob li z-zwieg taghha minn mal-konvenut jigi dikjarat null. In sostenn ta' din it-talba tinvoka l-artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Att dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta).

**Provi**.

Fix-xhieda taghha l-attrici tispjega l-bidu tar-relazzjoni taghha mal-konvenut. L-attrici, ta' nazzjonalita' estera, spjegat illi matul is-sajf hija kienet dejjem tqatta gimgha vaganza flimkien ma' ommha f'pajjiz esteru. Fis-sajf 2006 gew Malta ghal btala ta' gimgha. Kien matul dik il-gimgha li iltaqghet ghall-ewwel darba mal-konvenut. Hija kellha erbgha u tletin sena filwaqt li l-konvenut kellu tmienja u ghoxrien sena. Ghalkemm tispjega li dan ma kienx kaz ta' 'love at first sight' tghid li mill-ewwel hadu grazzja ma' xulxin ghaliex kellhom karattru pjuttost ugwali u ghamlu hbieb ma' xulxin malajr. Kien hawn illi ftehmu li jzommu kuntatt anke wara li tispicca l-btala tal-attrici.

Wara li giet fi tmiemha dik il-btala u l-attrici irritornat lura f'pajjizha bdew izommu kuntatt ma' xulxin prattikament kuljum. Peress li dak iz-zmien l-attrici kienet tghix f'pajjiz wahedha u kienet thossha wahedha sabet fil-konvenut dik

il-kumpanija li taghha kienet tant mixtieqa. Hija tghid li peress li kienet qed tikber fl-eta' kienet ilha thoss li kien wasal iz-zmien li tizzewweg u jkollha familja u fil-konvenut hasbet li kienet sabet lil dik il-persuna li mieghu setghat taqta' xewqitha.

Ghalhekk huma bdew jiltaqghu darba kull xahrejn ghal madwar gimgha kull darba. Alternattivament darba tigi l-attrici Malta u darba l-konvenut jmur fil-pajjiz fejn kienet tirrisjedi l-attrici. Damu sejrin hekk mis-sena 2006 sas-sena 2010. Matul dak il-perijodu l-attrici giet Malta tmintax-il darba filwaqt li l-konvenut mar f'pajjiz l-attrici tmintax-il darba.

L-attrici tghid illi ghakemm huma kienu jiehdu gost bil-kumpanija ta' xulxin pero' kienu jaqblu illi l-affezzjoni taghhom lejn xulxin ma kinitx qieghda tikber u timmatura. Li r-relazzjoni taghhom bhal donnu waqfet fil-livell ta' hbiberija. Fil-fatt kienu jitkellmu ma' xulxin li bhal donnu kien hemm xi haga nieqsa fir-relazzjoni ta' bejniethom. Tghid li r-relazzjoni intima ta' bejniethom kienet rari u kwazi mekkanika.

Tenut kont li kienet qed tikber fl-eta' hija xtaqet li tizzewweg u tizzewweg fil-knisja. Ghalhekk li fis-sena 2007 talbet lill-konvenut sabiex jattendu ghal kors tal-Moviment Kana mmexxi bil-lingwa Ingliza minn Fr Carabott. Wara li attendew ghal dan il-kors huma ghamlu c-cerimonja tal-engagement u regghat irritornat lura pajjizha u baqghu jiltaqghu ghal gimgha kull xahrejn. Ghaddew sentejn ohra u l-attrici bdiet tirrealizza li l-konvenut ma kienx ghadu ppreparat li jizzewweg. Beda ghaddej iz-zmien u l-attrici ghalqet tmienja u tletin sena. Ghalkemm hija kienet spiss issemmi s-suggett taz-zwieg mal-konvenut, huwa qatt ma kien isemmih minn jeddu. Ma riditx tahseb li kienet hliet erba' snin minn hajjitha u ghalhekk kompliet tinsisti biex jizzewgu. Kull meta kienet issemmilu zwieg il-konvenut kien jghidilha li m'ghandux flus. Huwa kien issuggerielha li tigi toqghod Malta sabiex jaghmlu zmien ta' prova izda l-attrici ma riditx li tabbanduna x-xoghol f'pajjizha u l-hbieb taghha u tigi Malta minghajr ma jkun hemm relazzjoni stabbli mal-

konvenut. Kien ghalhekk li xtaqet li meta tigi Malta tigi u tizzewweg lill-konvenut u mhux tigi bi prova.

Fis-sena 2010 iddecidew li jizzewgu u fi zmien tlett xhur gie preparat kollox. Huma iddecidew li jizzewgu bic-civil u mhux bil-knisja. Huma izzewgu fit-13 ta’ Gunju 2010 u appena izzewgu hija irritornat lura f’pajjizha ghal tlett xhur sabiex tikkonkludi ix-xoghol li kien baqghalha u tittermina l-kuntratt ta’ kera tal-post fejn kienet toqghod.

Ghalkemm kienu zaru diversi proprjetajiet biex jixtru flimkien, baqghu ma xtrawx proprjeta’ u meta l-attrici irritornat lura Malta hija marret tghix mal-familja tal-konvenut. Tiddeskrievi l-hajja ta’ dak iz-zmien bhala li ma kienet qed taghmel xejn ghaliex kull ma taghmel il-familjari tal-konvenut kienu jghidulha li kien hazin. Il-konvenut kien ikun hafna hin ix-xoghol u hi toqghod id-dar tal-genituri tal-konvenut. Jekk fix-xitwa tixhel il-heater il-familjari tal-konvenut kienu jilmentaw li l-kont tad-dawl ser joghla. Anke jekk tixhel il-kompjuter kienu jilmentaw li ser izzid il-konsum tad-dawl.

Meta l-attrici ikkonfrontat lill-konvenut b’dawn id-diffikultajiet huwa kien jehodha kontra taghha u jghidilha li kienet piz ghalih. Kien oppona li tottjeni licenzja tas-sewqan hawn Malta ghaliex kien jghidilha li kien jibza li kienet ser toqghod tigri warajh bil-karrozza kull fejn imur.

Sadannittant hija bdiet tattendi kors fl-Universita’ ta’ Malta u ottjeniet Masters. Hija bdiet tahdem mal-konvenut ghall-hinijiet twal izda matul ix-xoghol ma kienux ikunu flimkien. Hija kienet f’ufficju filwaqt li l-konvenut kien ikun qed idur bit-turisti.

Meta l-konvenut beda jajjarha li kienet parassita l-attrici sabiet impieg band’ ohra. Intimita’ bejniethom ma kienx hemm anke ghaliex il-konvenut kien jghidilha li hija kienet mara stupida u kien ghalhekk li ma riedx tfal minghandha ghaliex kien jghid li jkunu stupidi bhal ommhom.

Tghid li minn meta izzewgu kienet biss okkazzjoni ta’ darba li kienu intimi ma’ xulxin. Illum l-attrici li ghandha

tnejn u erbghin sena tghid illi l-fatt li l-konvenut ma riedx li jkollu ulied mill-attrici hija ta' problema kbira ghaliha ghaliex hija dejjem xtaqet li jkollha familja bit-tfal.

L-attrici issostni illi kieku kienet taf li l-konvenut ma riedx tfal ma kinitx tizzewgu.

L-attrici ipproduciet bhala xhud lil Fr Charles Carabott fejn spjega li kien sar jaf lill-partijiet fis-sena 2007 meta kienu segwew il-kors bi preparazzjoni ghaz-zwieg kattoliku organizzat bil-lingwa Ingliza. Peress li l-attrici ma kinitx tghix Malta il-kors ma sarx ma' koppji ohra izda kienet issir laqgha bejn il-partijiet u Fr Carabott meta l-attrici kienet tigi Malta perjodikament. Kien hu li mexxa c-cerimonja tal-engagement tal-koppja.

Meta gie avvicinat recentement sew mill-konvenut kif ukoll mill-attrici huwa gie mgharraf li l-konvenut ma kienx ried tfal minghand l-attrici.

Fix-xhieda tieghu il-konvenut ikkonferma hafna mid-dettalji moghtija mill-attrici specjalment f'dak li jirrigwarda r-relazzjoni taghhom qabel iz-zwieg. Jghid li ma kienx ried jizzewweg ghaliex kien jahdem sieghat twal ta' xoghol u hass li ma kellux hin ghat-tfal. Jghid li ghalkemm fl-ahhar ceda u accetta li jizzewweg lill-attrici, pero' xorta baqa' tal-fehma li ma jkollhomx tfal. Jghid li kien ghalhekk li kien jirrifjuta li jkollu relazzjoni intima mal-attrici. Jispjega s-sitwazzjoni ta' bejniethom billi jghid li "… aktar konna nghixu flimkien daqs li kieku konna ahwa u mhux mara u ragel mizzewgin".

Qatt ma kellhom xejn komuni. La dar u lanqas kontijiet il-bank. Kollox separat.

**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt**.

**Kunsens Vizjat b'Difett Serju ta' Diskrezzjoni ta' Gudizzju.**

L-**artikolu 19 (1) (d) tal-Att Dwar iz-Zwieg**, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi illi zwieg huwa null jekk il-

kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Ma jirrizultax li l-konvenut ibati minn xi anomalija psikologika serja. Biex tirnexxi l-azzjoni attrici ai termini tal-ewwel parti tal-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 jehtieg qabel xejn li jigi ppruvat li:

i) Il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat
ii) B’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju
iii) Fuq il-hajja mizzewga, jew
iv) Fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja mizzewga.

Gie diversi drabi ritenut li d-decizzjoni li wiehed jizzewweg tirrikjedi qabel xejn li wiehed jaghmel apprezzament ta’ xi jfisser li wiehed jghix hajja mizzewga, bid-drittijiet u l-obbligi li tali decizzjoni timporta. Dwar x’inhuma d-drittijiet u l-obbligi ta’ koppja mizzewga, fl-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta insibu elenku tal-jeddijiet u d-dmirijiet li jitnisslu miz-zwieg.

Proprju fl-ewwel artikoli ta’ dan il-Kodici, intitolat “**Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara Lejn Xulxin**” jinghad hekk:

“2. (1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabbilita’ tal-familja.

(2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbiltajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma’ xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.

1. Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi lu l-hilha taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigiet tal-familja”

Fis-sentenza **"Parties Atkins Charles vs. Atkins Matilde"** moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2003 jinghad hekk:-

"Il-kuncett ta' *discretio judicii* ma jirrikjediex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe' ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe' dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mil-ligi."

Fil-kawza "**Melanie Borg Cachia vs. Joseph Borg**" deciza fid-29 ta' Mejju 2004 gie spjegat li d-difett fid-diskrezzjoni ta' gudizzju irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga. (Ara wkoll: **WT vs. KR** Familja, 28/6/2012); **John Micallef Engerer vs. Corinne Camilleri** PA: 22/10/2002; **Nicholas Agius vs. Rita Agius** PA: 25/05/1995; **A. Spiteri vs. Joseph Spiteri** PA: 4/11/1994; **Robert Attard vs. Josephine Attard** PA: 18/10/1995; **Janet Portelli vs. Victor Portelli** PA: 14/08/1995; **Mario Mizzi vs. Maris Mizzi** Appell: 15/11/2005; **Nadia D vs. C D** Familja: 25/01/2012.

**Konsiderazzjonijiet ta' Fatt**.

Konformement mal-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati in tema ta' annullament taz-zwieg, din il-Qorti ghaddiet biex tisma' l-provi nonostante li hemm qbil bejn il-partijiet li z-zwieg ta' bejniethom huwa null u dan sabiex tara jekk dak allegat giex ippruvat sal-grad li trid il-ligi f'materja civili (Ara inter alia: **Anna Tonna xebba Vassallo v. Alexander Tonna** App. 6/11/1991); **Angela Spiteri xebba Selvaggi v. Joseph Spiteri** PA, 4/11/1994; **Carmel sive Charles Camilleri v. Teresa**

**Camilleri** PA, 3/10/1995; **Evelyn Agius v. John Borg** PA, 4/10/1995; **Emanuel Camilleri v. Carmen Camilleri** PA, 10/11/95; **Isabelle Zarb v. Stephen Attard** PA, 21/11/1995; **Terence Richard v.Maria Concetta Richard nee` Goodlip** PA, 22/2/1996; **Alfred Tonna v. Maria Tonna** PA, 31/1/96; u **Bernardette Debono xebba Gauci v. Mario Debono** PA, 16/9/1996). Kien ghalhekk illi barra l-affidavits tal-partijiet u ta' xhieda ohra l-Qorti semghat ix-xhieda tal-partijiet *viva voce* fl-udjenza tal-14 ta' Novembru 2013.

Applikati l-principji legali enunzjati aktar qabel ghall-kaz in dizamina, il-Qorti hi tal-fehma illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga. Gie sufficjentement ippruvat illi fil-mument li resaq ghaz-zwieg il-konvenut ma kellux il-maturita' necessarja sabiex jevalwa, japprezza u jaccetta d-doveri ta' ragel mizzewweg. Maturita' fuq livell ta' affezzjoni kienet prattikament inezistenti. L-immaturita' affettiva tieghu impeditu milli jaghmel evalwazzjoni ta' dak li jimporta zwieg u tal-obbligi li tali pass igib mieghu. Tali kondizzjoni fil-konvenut kienet ir-raguni ghaliex, kif l-istess partijiet stqarrew fit-testimonjanzi taghhom, il-korteggjament taghhom qabel iz-zwieg ma zviluppax f'relazzjoni affettiva. Il-fatt li matul l-gherusija taghhom kienu qed jirrisjedu f'pajjizi differenti u jiltaqghu perjodikament ghal perijodi qosra ma ghinx biex isir mill-partijiet dak id-dixxerniment necessarju qabel hadu id-decizzjoni li jizzewgu. Mill-provi prodotti gie sodisfacentement ippruvat mill-attrici illi l-kunsens tal-konvenut ghaz-zwieg tal-partijiet kien vizzjat serjament permess li ma kienx jikkomprendi l-assunzjoni tad-dmirijiet ta' ragel mizzewweg. Jirrizulta wkoll li tali kunsens kien deficjenti f'dak li ghandu x'jaqsam ma' evalwazzjoni tal-hajja mizzewga. Il-fatt illi wara li l-partijiet izzewgu u b'decizzjoni unilaterali tal-konvenut kien hemm okkazzjoni wahda ta' intimita' bejn il-paratijiet, tikkorrobora l-pretensjoni tal-attrici li l-komportament tal-konvenut wara z-zwieg kien diga' minnu deciz qabel izzewweg lill-attrici.

**Kunsens miksub bl-Eskluzzjoni Pozittiva taz-Zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-Elementi**

**Essenzjali tal-Hajja Mizzewga jew tad-Dritt ghall-Att taz-Zwieg**.

Kienet ix-xewqa legittima tal-attrici illi wara li jizzewgu l-partijiet ikollhom it-tfal.

**Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi illi zwieg huwa null jekk jirrizulta illi l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Il-prokreazzjoni tal-ulied hija aspettativa legittima ta' hafna minn dawk li jizzewgu. Ghalkemm l-infertilita' tar-ragel jew tal-mara, a differenza tal-impotenza pre-nupzjali, ma hiex raguni wahedha biex zwieg jigi annullat, decizzjoni unilaterali ta' konjugi fil-mument li qed jigi celebrat iz-zwieg li ma jkollhomx tfal meta jaf li martu trid it-tfal jivvizzja l-kunsens taz-zwieg.

Appena huwa necessarju jigi sottolineat illi zwieg minghajr tfal b'rizultat ta' infertilita' ta' xi wahda mill-partijiet, jew tat-tnejn, huwa zwieg validissimu. Izda meta persuna li tkun ser tizzewweg u ma jkollha l-ebda problema medika fir-rigward tal-prokreazzjoni tal-ulied, taghmel il-hsieb li ghat-tul kollu taz-zwieg ma jkolliex tfal, tali agir jammonta ghal agir frawdolenti fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra li tkun trid it-tfal, liema agir frawdolenti jivvizzja l-kunsens u jirrendi z-zwieg null u bla effett fil-ligi.

Jirrizulta mill-provi migbura illi l-konvenut immanifesta il-hsieb tieghu mal-attrici li ma riedx li jkollu tfal minnha wara li zzewgu. F'dan ir-rigward ghandu jinghad illi ghalkemm jista' jkun hemm ragunijiet validi ghaliex koppja fiz-zwieg tipposponi intenzjonalment iz-zmien li jkollhom l-ulied, il-fatt li l-konvenut f'dan il-kaz ma qal xejn lill-attrici qabel izzewgu bl-intenzjonijiet tieghu fir-rigward u l-hsieb tieghu immanifestah biss wara li gie celebrat iz-zwieg tal-partijiet, jirrendi l-kunsens tieghu ghaz-zwieg vizzjat b'tali mod li jwassal ghall-annullament taz-zwieg.

Tenut kont li rrizulta li z-zwieg ser jigi dikjarat null b'rizultat ta' agir imputabbli esklussivament lill-konvenut, l-ispejjez gudizzjarji ser jigu akkollati fl-intier taghhom lill-konvenut.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici:-

1. Tiddikjara li z-zwieg civili ikkuntrattat bejn il-partijiet fit-tlettax (13) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) huwa null u bla effett ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Att dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna sabiex issir l-annotazzjoni relattiva fir-Registru Pubbliku.

Spejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------